MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 25/1999/1

Anthony Farrugia Company Ltd .

vs

John Bartolo personalment kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta JVJ Company Limited .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut proprio et nomine  jghid ghaliex m'ghandux jigu kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u hamsin lira maltin (Lm550) bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija varja lilek mibjugha u kkonsenjata konsistenti f'ilma minerali naturali .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment, bl-ispejjez tal-ittra Legali tat-30 ta' Settembru 1997 u tal-11 ta' Settembru

197, bl-imghaxijiet legali mill-istess data u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine li eccepixxa:

1. Illi John Bartolo personalment qatt ma ghamel xi negozju mas-socjeta attrici u ghalhekk id-domandi attrici fil-konfront tieghu ma ghandhomx iregu u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez .

2. Illi preliminarjament is-socjeta' JVJ Company Limited kellha tigi ccitata b'isimha proprju u mhux "John Bartolo in rapprezentanza taghha" .

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti ma ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici . Fil-fatt il-konvenuta JVJ Company Limited irceviet minn ghand is-socjeta' attrici kunsinna ta' ilma minerali "on consignment basis", bil-ftehim espress illi kemm-il darba dak l-ilma ma jinbieghx dan kellu jigi ritornat lis-socjeta attrici .

4. Illi fil-fatt l-ilma li ma nbieghx gie offrut lis-socjeta attrici li minn naha l-ohra kontra dak miftiehem irregettatu . Ghalhekk dan l-ilma gie depozitat taht l-awtorita' ta' din il-Qorti aktar minn sentejn ilu permezz tac-cedola 490/97 .

5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ilma ikkonsenjat ma kienx wiehed tal-kwalita' pattwita .

6. Illi minghajr pregudizzju xi imghax li jista jiddekorri ghandu jiddekorri mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni galadarba ma gietx prezentata ittra ufficjali qabel .

7. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt kif jigi dettaljatament pruvat waqt il-kors tas-smiegh ta' din il-kawza .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ attrici qed tirreklama minghand il-konvenut proprio et nomine il-bilanc minn prezz akbar ghal diversi konsenji ta’ pakketti ta’ l-ilma minerali mibjugha lis-socjeta’ konvenuta .

Preliminarjament il-konvenut proprio qed jeccepixxi illi huwa personalment ma kellu xejn x’jaqsam ma’ dan in-negozju . Giet esebita pero’ mis-socjeta’ attrici kopja ta’ skrittura privata dwar *credit agreement* fejn John Bartolo intrabat anke personalment li jaghmel tajjeb ghall-krediti li jibqghu dovuti lis-socjeta’ atttrici[1] . Mitlub jikkonferma jekk il-firma bl-isem John Bartolo li tidher fuq dik l-iskrittura kienitx tieghu, il-konvenut wiegeb fl-affermattiv[2] . Ma jista’ jibqa’ ghalhekk ebda dubbju illi jekk ghandhom jinghataw xi flus, dawn irid jaghmel tajjeb ghalihom ukoll il-konvenut personalment . Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni qed tigi minnufih respinta .

Fuq il-mertu l-konvenut eccepixxa illi n-negozju li kien hemm bejn iz-zewg socjetajiet ma kienx bejgh, imma spedizzjoni ta’ merci “***on consignment***” . F’dan ir-rigward il-Qrati taghna spjegaw illi “ *il-kuntratt ta’ spedizzjoni ta’ merci on consignment huwa kuntratt mhux ta’ bejgh, imma pjuttost ta’ kummissjoni u ghalhekk il-kreditur ghandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghitx*”[3] .

---

1 Ara Dok. KM. 3 a fol. 26 tal-process .

2 ara xhieda konvenut a fol. 35 .

3 Anthony Ruggier noe. vs Francis Refalo ; Kummerc : 18.2.1965; ara wkoll Avv.. Dr. George Vassallo noe. vs Victor Caruana noe. : Kummerc : 26.4.1951 fejn tinghata spjegazzjoni dettaljata ta’ dan il-kuntratt .

Ma rrizulta li kien hemm ebda ftehim bil-miktub dwar dan in-negozju . Giet esebita mis-socjeta' attrici kopja fotostatika ta' *invoice* rilaxxjata lis-socjeta' konvenuta dwar din il-konsenja ta' l-ilma[4] . Jidher pero' illi ghalkemm din il-fattura kienet tigi ffirmata minn xi rapprezentant tas-socjeta' attrici kull darba li kienet issir il-konsenja, hadd minn naha tas-socjeta' konvenuta qatt ma ffirma li rcieva dawn id-diversi konsenji . Fih nnifsu dan id-dokument ma jistghax jittiehed bhala prova sodisfacenti li dan in-negozju kien wiehed ta' bejgh semplici .

Irrizulta mill-provi illi n-negozju in kwistjoni kien sar direttament bejn Anthony Farrugia, li dakinhar kien ghadu direttur tas-socjeta' attrici u John Bartolo f'isem is-socjeta' konvenuta . Meta pero' saret il-kawza prezenti, dan Anthony Farrugia ma kienx ghadu jmexxi is-socjeta' attrici ghax din sadanittant kienet inxtrat mid-ditta "Paolo Bonnici Limited" . Mitlub jispjega x'jiftakar dwar dan in-negozju mil-legali tas-socjeta' attrici, Farrugia wiegeb illi per principju l-kumpanija tieghu qatt ma kienet taghmel bejgh *on consignment* . Imma ppressat mil-legali tal-konvenut proprio et nomine sabiex jghid jistghax ikun li kien sar xi diskors fis-sens illi huwa kellu jghaddi sitt mitt pakkett ta' ilma lill-konvenut biex jipprova jehilsu minnhom kemm jista' jkun malajr ghax kienu ser jiskadu, ix-xhud ma kienx kapaci jichad dan kategorikament . Anzi kien ferm riluttanti biex jikkommetti ruhu naha jew ohra u nheba wara l-iskuza konvenjenti li kien ghadda z-zmien u ma setghax jiftakar . Ma setghax ghalhekk jeskludi li l-ftehim seta' kien f'dan is-sens[5] .

Johrog ukoll mid-depozizzjoni ta' Anthony Farrugia illi l-partijiet kienu ilhom jafu u jinnegozjaw ma' xulxin minghajr ebda nkwiet ghal diversi snin tant illi kienet trabbiet certa kunfidenza bejniethom Infatti : *"order gieli kienet tkun verbali*" u "*forsi peress illi* (l-expiry date) *kienet tkun close ma konniex noqghodu nimxu officially*"[6] . Jammetti wkoll illi fil-kaz in ezami din l-*expiry date* kienet fil-qrib hafna, xi tlieta jew erba' xhur.

---

[4] Dok. KM. 5 a fol. 28 .
[5] ara xhieda in kontro-ezami ta' Anthony Farrugia a fol. 18
[6] ibid .

Ix-xhieda l-ohra ftit li xejn jistghu ikunu ta' ghajnuna ghas-soluzzjoni ta' dan il-kaz, peress illi huma bl-ebda mod ma kienu nvoluti f'dan in-negozju, u dak li jafu huwa semplicement informazzjoni migbura mill-*files* relattivi .

Mhux l-istess pero' jista' jinghad ghall-konvenut. John Bartolo kien preciz hafna fid-diskors tieghu . Jiftakar ezatt kif kien sehh dan in-negozju u li kien preokkupat bil-kwantita' ikbar minn tas-soltu ta' pakketti ta'ilma, li kienet qed tibghatlu d-ditta attrici . Imma jispjega kif dejjem gie assikurat mill-istess Anthony Farrugia illi dak li ma jinbieghx kienu ser jehduh lura. Infatti xehed illi Farrugia kien jghidlu : "*Ipprova kemm jista jkun bghelna minnu, …. ahna mbaghad nirrwangaw*"[7] . Anzi kompla jispega illi peress illi huwa kien jixtri diversi prodotti minghand id-ditta attrici apparti l-ilma, bhal spirti u cikkulata, u nfatti kellhom anke kont kurrent bejniethom[8], Farrugia kien serrahlu mohhu illi l-prezz ta' l-ilma li ma kienx jirnexxilu jbiegh, kien imbaghad jinqata' mill-kont ghall-prodotti l-ohra li kien xtara minghandu . Spjega wkoll illi r-raguni illi qatt ma ffirma l-fattura dwar dan l-ilma li kien qed jigi konsenjat lilu, kienet appuntu ghax ma riedx jintrabat b'bejgh .

Irrizulta wkoll illi fil-31 ta' Ottubru 1997 huwa ddepozita taht l-awtorita' tal-Qorti erba' mitt pakkett ta' ilma tal-marka "Lora Di Recoaro" li s-socjeta' attrici kienet qed tirrifjuta lil tiehu lura minghandu[9] . Kif tajjeb jinnota l-istess konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, dan id-depozitu sar minnufih kif gie intimat ghall-hlas u s-socjeta attrici rrifjutat li taccetta li tiehu lura l-pakketti ta' l-ilma mhux mibjugha . Ma qadx jistenna illi tigi ntavolata l-kawza prezenti biex jaghmel dan id-depozitu, f'tentattiv li jahrab mir-responsabilita' tieghu . Mill-bidu nett insista illi, skond il-ftehim raggunt bejn il-partijiet koncernati, kien hemm biss spedizzjoni ta' merci *on consignment* u mhux bejgh .

---

[7] ara xhieda konvenut a fol. 31 – 36 .
[8] ara Dok. KM. 3 gia msemmi .
[9] Dok. AA. 1 a fol. 45 .

Minn naha tas-socjeta' attrici l-unika persuna li setghet verament taghti stampa cara ta' x'kien attwalment il-ftehim bejn il-kontraenti, kienet Anthony Farrugia . Imma dan sfortunatament xejn ma kien konvincenti fid-depozizzjoni tieghu u deher biss illi ma riedx jiksirha ma' min kien akkwista n-negozju tieghu, wara li kien gia lahaq sar il-ftehim mal-konvenut .

F'tali cirkostanzi u peress illi ma hix konvinta illi n-negozju guridiku bejn il-kontendenti kien wiehed ta' bejgh kif qed issostni is-socjeta' attrici, imma wiehed ta' spedizzjoni ta' merci *on consignment* kif dejjem sostna l-konvenut, ma jistax dan jigi obbligat ihallas il-prezz tal-konsenji kollha, inkluz dawk li baqghu ma nbieghux . Ma giex kontestat illi l-prezz mitlub huwa ghal dawn l-erba' mitt (400) pakkett ilma li baqghu ma nbieghux, u ghalhekk skond il-ftehim is-socjeta' attrici ghandha biss id-dritt li titlob ir-rifuzjoni u mhux il-prezz taghhom .

Ghaldaqstant, tiddecidi l-kawza billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet fuq il-mertu tal-konvenut proprio et nomine, tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici .
S2599Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------